**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 698/2021 LC

**TABIB DOTTOR NAZZARENO AZZOPARDI (K.I.136938M)**
**MARGARET EBEJER (K.I.137238M)**
**SALVINA SIVE SYLVIA EBEJER (K.I.248146M)**
**SALVATORE FENECH (K.I.410450M)**
**MARIO FENECH (K.I.293554M)**
**DAVID FENECH (K.I.32863M)**
**FRANK FENECH (K.I. 707751|M)**
**ROSE MUSCAT (K.I.682355M)**
**ALEX FENECH (K.I.618963M)**
**ALFRED FENECH (K.I.122846M)**
**JANE AZZILLA (K.I.455748M)**
**PAUL FENECH (K.I.136585M)**
**SALVATORE FENECH (K.I.52156M)**
**ROSE BORG (K.I.715050M)**
**CARMEN FENECH (K.I.449244M)**
**MIRIAM GRECH (K.I.778640M)**
**CARMEN GRECH (K.I.249242M)**
**MARIA CONCETTA GRECH (K.I. 828845M)**

*vs*

**DOLORES GIORDIMAINA (K.I.802939M) U**

**AWTORITA' TAD-DJAR**

Illum, 06 ta’ Frar, 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors tat-Tabib Dottor Nazzareno Azzopardi (K.I. 136938M) fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talab lil dan il-Bord sabiex:

1. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta’ Dolores Giordimaina (K.I. 802939M) ai termini tal-Att XXIV tal-2021, u ai termini tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta’ Bini li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe’ regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom, u liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta’ Jannar, u l-31 ta’ Diċembru tas-sena 2020 u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta’ Diċembru, 2020, u liema test tal-mezzi għandu jitmexxa b’referenza partikolari, inter alia, għar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) li għandhom japplikaw mutatis mutandi f’dan il-każ.

2. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 159, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ.

3. Jordna u jikkundanna lill-intimata Dolores Giordimaina (K.I.802939M) tibda tħallas din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern.

4. Jordna, f'każ illi l-intimata Dolores Giordimaina (K.I.802939M) ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tagħha mill-fond in kwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju, 2021.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tal-04 ta' Novembru, 2021 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu jippruvaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond (ii) l-atturi wkoll għandhom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti awturi tagħhom; (iii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti u; (v) illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu l-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (vi) f'każ li l-inkwilina tissodisfa t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimata Dolores Giordimaina (K.I. 802939M) u datata t-12 ta' Novembru, 2021 fejn sommarjament, eċċepiet li:

1. Illi preliminarjament r-rikorrenti għandhom iġibu prova tat-titolu tagħhom skond il-liġi;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, m’hemmx oppożizzjoni għall-ewwel talba tar-rikorrenti, u l-intimata sejra tipprovdi dak li hemm bżonn sabiex turi illi hi effettivament tissodisfa t-test tal-mezzi;

3. Illi dwar it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti, l-intimata tirrileva illi jekk jeżistu ċirkostanzi sabiex tiġi imposta żieda fil-kera, din iż-żieda m’għandhiex tkun fil-massimu tagħha u dana għar-raġunijiet li se jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dina il-kawża.

4. Illi dwar ir-raba’ talba, ma hemmx lok illi l-intimata tiġi żgumbrata mill-fond de quo hekk kif mitlub stante illi l-istess intimata tissodisfa t-test tal-mezzi u dana hekk kif se jiġi muri waqt it-trattazzjoni ta’ dina il-kawża;

5. Salv difiza oħra skond il-liġi;

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta’ dan il-Bord tal-21 ta’ Ottubru, 2021, l-intimati wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Anthony Robinson u l-Perit Robert Vella ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta ma jirriżulta mir-rikors promotur, il-fond de quo iddevolva għal fuq ir-rikorrenti mill-eredità tad-dante causa tagħhom Salvatore Fenech, li ġie nieqes fit-12 ta' Settembru 1922 u Rosa Fenech, li ġiet nieqsa fit-22 ta' Jannar 1949. Illi l-wirt tagħhom iddevolva fuq id-disa' uliedhom: Pawlina Azzopardi, Ludgarda Ebejer, Dolores Grech, Stella Fenech, Anna sive Annetta Fenech, Luigi Fenech, Adriano Fenech, Giuseppi Fenech u Giovanni Fenech. Illi l-imsemmija ulied ġew nieqsa u r-rikorrenti odjerni huma lkoll eredi ta' ulied l-imsemmija Salvatore u Rose Fenech fi kwoti differenti iżda indiviżi bejniethom. Illi r-rikorrenti ppreżentaw ukoll arblu tar-razza li jattesta għal dan kollu.

Illi r-rikors promotur ġie kkonfermat bil-ġurament fl-intier tiegħu mit-Tabib Dottor Nazzareno Azzopardi u b'hekk għandu jitqies bħala x-xhieda mogħtija minnu.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk, għall-finijiet biss ta' dawn il-proċeduri, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma lkoll sidien tal-kera tal-fond numru 159, ġja 174, Triq il-Kbira, Ħal-Balzan.

Ikkonsidra;

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond de quo ġie rekwiżizzjonata mill-Housing Secretary b’requisition order numru 28444 fil-15 ta’ Ġunju 1973 u ġie allokat lil Carmelo Giordmaina u lil martu Dolores Giordmaina. Sussegwentement il-fond ġie derekwiżizzjonat u l-intimata Dolores Giordmaina baqgħet tirrisjedi f’dan il-fond bil-kirja protetta mil-liġi. Illi l-kera mħallsa hija ta’ €209.00 fis-sena.

Illi fid-dawl tal-fatt illi d-dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti ma ġewx ikkontestati mill-intimata, anzi hi stess tikkonferma indirettament illi hija l-inkwilina ta’ dan il-fond, il-Bord huwa sodisfatt għall-finijiet biss ta’ dawn il-proċeduri u li l-intimata Dolores Giordmaina hija effettivament l-inkiwlina tal-fond *de quo.*

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata Dolores Giordimaina kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

B’hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Dolores Giordimaina ma teċċediex il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) u konsegwentement tissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu

4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni huwa maisonette bi kmamar mifruxa fuq erba' sulari iżda sovrappost, fil-maġġor parti tiegħu, minn fond ta' terzi fit-tieni sular. Il-fond inbena qabel it-tieni gwerra, huwa ta' kostruzzjoni tradizzjonali u jinsab fil-kantuniera ta' Triq il-Kbira Ħal Balzan ma' Triq il-Kbira Ħal Lija. Ma ġiet relevata l-ebda ħsara ta' natura strutturali. Il-fond huwa fi stat abitabbli iżda l-finituri u s-servizzi huma pjuttost malandati u għaldaqstant jirrikjedu xogħlijiet ta' titjib.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkunsidraw il-fatturi kollha imsemmija fir-rapport tagħhom, li jinkludu it-tip u l-kondizzjoni tal-propjetà, l-iskemi ta' bini eżistenti applikabbli fuq is-sit, u l-prezzijiet ta' proprjetajiet simili kif elenkati fuq siti elettroniċi tal-bejgħ tal-propjetà, jistmaw illi il-valur tal-fond huwa ta' tlett mija u ħamsa u għoxrin elf Ewro (€325,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' sitt elef u ħames mitt ewro (€6,500) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

2. Jilqa' t-tieni u t-tielet talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond 159, Triq il-Kbira, Ħal-Balzan għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata Dolores Giordimaina għal-ammont ta' sitt elef u ħames mitt ewro (€6,500) fi-sena u jordna lill-intimata Dolores Giordimaina tibda' jħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-

sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

3. Jiċħad ir-raba' talba stante li l-intimata tissodisfa il-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**